MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 3006/2002

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpannija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd**

**Vs**

**Ryan John Farrugia.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm218.78) danni li thallsu b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' April 2001 fi Triq Testaferrata, Gzira bejn vettura numru FBM 271 misjuqa minn Joseph Aquilina u vettura numru RYN 380 misjuqa

mill-konvenut u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ma kkontestax il-kawza u lanqas deher ghas-seduti, u dan ghalkemm jirrizulta li huwa gie debitament notifikat.

Semgha x-xhieda ta’ Joseph Aquilina.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza sehh fi Triq Testaferrata, Gzira.

2. Mill-okkorrenza u l-iskizz jirrizulta bic-cjar li x-xufier tal-vettura FBM 271 (assigurata mas-socjeta attrici) mar jaghmel manuvra ta’ sorpass fuq il-vettura RYN 380 li kienet qeghda tinstaq fl-istess direzzjoni. Sabiex ghamel din il-manuvra ix-xufier mar fuq in-naha l-ohra tat-triq li tintuza minn vetturi li jkunu gejjin mill-faccata. Dan b’periklu ghalih u ghall-vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni ta’ l-Msida. Il-manuvra ta’ sorpass giet trattata f’diversi sentenzi tal-Qrati taghna u dawn kostantement issottolinejaw il-principju li l-manuvra tas-sorpass hija delikata u tali li tixhet fuq is-sewwieq tal-vettura li jkun qed jaghmel il-manuvra, obbligi aktar gravi. B’daqshekk ma jfissirx li s-sorpass huwa projbit, pero’ ghandu jsir bil-prudenza mehtiega. Sahansitra, il-Highway Code jirregola wkoll manuvri ta’ dan it-tip, regoli li fil-fehma tat-Tribunal Joseph Aquilina naqas milli josserva bl-iktar mod flagranti.

Kif tajjeb ighid l-awtur Gibb [*The Trial of Motor Cars Accident Cases* – Tielet Edizzjoni] min ser ikun jaghmel sorpass, ***“should wait for a suitable opportunity before attempting to pass unless he can do so with reasonable safety”***.

Il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha moghtija fit-23 ta’ Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Debono vs**

**Philip Camilleri et** [Vol. XLVI.i.112], f'materja ta' incidenti tat-traffiku wiehed ghandu jqies il-principji:-

(a) L-obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond l-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, t-tip ta' vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti ohra konfliggenti; u

(b) Id-dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah a reasonable careful lookout, liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragenevolment vizibbli.

Wiehed izomm proper lookout mhux biss billi jhares 'il quddiem, imma jrid ikun konxju ta' dak kollu li jkun qieghed jigri fil-vicinanzi immedjati.

3. Ix-xufier tal-vettura FBM 271 qatt ma kellu jaghmel dik it-tip ta' manuvra u qieghed lilu nnifsu f'pozizzjoni li kif sehhet emergenza ma kienx f'qaghda li jevita l-kollizzjoni.

Fic-cirkostanzi u wara li qieset ukoll ix-xhieda moghtija minn Joseph Aquilina [ix-xufier tal-vetura FBM 271], it-talba ta' l-atturi m'hijiex gustifikata u qeghda tigi michdua.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------